*DENEGATA PATERNITA`*

*ART 70, ART 73, ART 80 – KAP 16*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 4 ta' Gunju 2002**

**Kawza Numru: 31**
**Citazzjoni Numru: 2744/99/RCP**

**Joseph Gauci**

**vs**

**Antoinette Gauci nee` Agius; id-Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-Qorti ta' l-24 ta' Jannar 2000 gew nominati Kuraturi Deputati Dr. Raymond Zammit u PL Joanna Dingli sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-minuri Elias. U b'digriet tal-Qorti tat-23 ta' Gunju 2000 gie kjamat in kawza Ahmed Naeli.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konjugi Joseph u Antoinette Gauci ilhom *de facto* separati ghal dawn l-ahhar sentejn; u

Illi fil-frattemp il-konvenuta kellha tarbija jisimha Elias li twieldet fit-12 ta' Awissu 1999, kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid Dok. A; u

Illil-imsemmija tarbija giet registrata b'kunjom l-attur meta hu m'huwiex il-missier; u

Illi l-attur jixtieq jichad li jaghraf l-imsemmija tarbija li, effettivament, m'huwiex ibnu.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-imsemmija tarbija m'hijiex wild naturali ta' l-attur; u

2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija li jgib in-numru 2737/1999, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem Joseph

Gauci, il-professjoni jew sengha ta' l-attur, l-eta`, post tat-twelid u residenza ta' l-attur kif ukoll isem u kunjom missier l-attur u jekk huwiex haj jew mejjet u tawtorizzah u tordna kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel talba u, jekk jinhtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Antoinette Gauci tat-13 ta' Jannar 2000 a fol. 7 fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana peress illi t-tarbija Elias hija fil-fatt il-wild naturali tal-attur, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 8 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attur Joseph Gauci tal-14 ta' Jannar 2000 fejn talab li l-kawza tigi appuntata biex tinstema' bl-

urgenza, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-6 ta' Marzu 2002 fejn cahdet it-talba.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-11 ta' Jannar 2000 fejn biha nfurmat lill-Qorti li hija lesta tirrapprezenta lill-konvenuta minuri Elias u l-interessi taghha f'dawn il-proceduri.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-24 ta' Jannar 2000 fejn l-Avukat Dr. Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Joanna Dingli gew nominati bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri Elias Gauci ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat il-verbal tad-19 ta' Mejju 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-2 ta' Gunju 2000 a fol. 32 fejn gie eccepit:

1. Illi din il-kawza qed issir principalment bhala wahda ta' denegata paternita` u l-korrezzjoni mitluba fl-att tat-twelid numru 2737/1999 hija ncidentali;

2. Illi salv li l-attur jitlob il-kancellament tal-kliem *"the said"* mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet tal-omm, l-esponent jiddikjara li huwa mhux edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar dak kollu dikjarat fid-dikjarazzjoni attrici;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-bidla li qeghda tintalab tirrigwarda dokument pubbliku li jikkoncerna minuri

u li jekk kemm-il darba tintlaqa' zgur li ser tinfluwixxi fuq il-futur tal-istess minuri, ghaldaqstant jenhtieg li kwalunkwe prova li tingieb tkun konvincenti u ammissibbli skond il-ligi, aktar u aktar jekk is-separazzjoni li jsemmi l-attur fic-citazzjoni odjerna hija separazzjoni *"de facto"* u mhux *"de jure"*;

4. Illi l-esponent m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti *stante* li l-prezenza tieghu hija mehtiega biss ghall-integrita` tal-gudizzju u ghall-finijiet ta' eventwali ezegwibilita` tad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 33.

Rat il-verbali tat-23 ta' Gunju 2000 fejn il-konvenuta talbet li jigi kjamata fil-kawza Ahmed Naeli li jsostni li huwa l-missier naturali tat-tarbija. Il-Qorti laqghat it-talba spejjez provizorjament tal-konvenuta; tal-11 ta' Ottubru 2000; tal-11 ta' Dicembru 2000 fejn deher il-kjamat fil-kawza u ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh u bic-citazzjoni u nghata kopja tal-istess *seduta stante*.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati tal-15 ta' Jannar 2001 a fol. 41 fejn gie eccepit:

1. Illi ghandu jsir ezami tad-demm sabiex jigi stabbilit xjentifikament min hu missier it-tarbija;

2. Altrimenti l-eccipjenti mhux edott mill-fatti.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol. 41.

Rat il-verbal tat-13 ta' Frar 2001 fejn gie nominat Dr. Beppe Fenech Adami bhala Assistent Gudizzjarju biex jigbor il-provi.

Rat in-nota tat-13 ta' Frar 2001 tal-kjamat fil-kawza Ahmed Naeli li biha ddikjara li huwa l-missier naturali tal-minuri Elias.

Rat il-verbali tal-15 ta' Gunju 2001 u tal-20 ta' Novembru 2001.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju a fol. 46 sa 57.

Rat ir-rikors tal-konvenuta Antoinette Gauci fejn irrimettiet ruhha ghall-provi mressqa mill-partijiet kontendenti. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju jindika f'hiex waslu l-provi minnu migbura.

Rat in-nota spjegattiva tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Beppe Fenech Adami fejn informa lill-Qorti li l-paritijiet ghalqu l-

provi taghhom u baqa' biss li l-konvenuta tipprezenta xi dokumenti.

Il-Qorti laqghat it-talba u rrikjamat il-kawza ghall-21 ta' Mejju 2002 prevja n-notifika tal-partijiet a kariku tal-konvenuta Antoinette Gauci.

Rat il-verbal tal-21 ta' Mejju 2002 fejn id-difensuri taw ruhhom b'notifikati bid-digriet tar-rikjam tal-kawza datat 8 ta' Mejju 2002 u rrimettew ruhhom ghall-provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 4 ta' Gunju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza saret sabiex it-tarbija Elias li giet registrata b'kunjom l-attur tigi dikjarata li mhix iben l-istess attur *stante* li huwa ma huwiex missierha u fil-fatt qed jitlob li l-istess tarbija tigi dikjarata li ma hijiex il-wild naturali tal-attur bil-konsegwenti tibdil rikjest fic-certifikat tat-twelid tal-istess tarbija Nru 2737/1999.

Illi l-**artikolu 70 tal-Kap 16** jghid li:

*"(1) Ir-ragel jista' jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg :*

*(a) jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibbiltà fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha, jew minhabba xi aggident iehor; jew*

*(b) jekk, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:*

*Izda ma jistax jichad lit-tifel jekk matul dak iz-zmien ikun rega' nghaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(c) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet wahda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludu dik il-paternita`.*

*(2) Id-dikjarazzjoni biss ta' l-omm fis-sens li zewgha mhux missier it-tifel ma tkunx bizzejjed biex teskludi l-paternità tar-ragel.*

*(3) Il-Qorti tista' f'kawza ghac-cahda ta' l-gharfien tat-tarbija, tistieden lill-partijiet kollha jew xi wahda minnhom, kif ukoll lill-wild li l-filjazzjoni tieghu tkun fid-dubju, sabiex*

*joqoghdu ghall-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz. Il-qorti jkollha l-jedd li tasal ghal dawk il-konkluzjonijiet li jistghu jkunu gustifikati jekk parti ma tkunx trid taghmel dawk l-ezamijiet. Meta t-tifel li dwar il-filjazzjoni tieghu jkun hemm kwistjoni jkun minuri, il-Qorti stess ghandha tistabbilixxi jekk it-tifel jaghmilx l-ezamijiet."*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija dik ta' denegata paternita` u hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakata l-legittimita' ta' l-ulied u cjoe':

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**Artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**Subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma fuq kollox ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**Artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**Artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabiliti fl-**Artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni inghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952 li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza.*

*Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilita' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (AJ M) 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu il-possibilita' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta'*

*ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**Artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**Artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilita' li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni imsemmija ta' mpunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu interess, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**Artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**Artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-i*status* ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-Artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-Artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA.RCP 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta'*

*att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**Artikoli 81** mal-**Artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**Artikolu 77** dwar l-impossibilita' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**Artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**Artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit**

**vs Anthony Rapa et"** (P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-***Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** *jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid* **jew** *ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-***Artikolu 80 tal-Kap 16***) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' issir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dan l-istat fattwali japplikaw in-normi stabbiliti fis-sentenza ta' dina l-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet "**Walter Ahar nomine vs Pio Micallef et."** deciza fil-21 ta' Frar 1996 peress li ma jezistix l-istat ta' paternita' li huwa fattwalment konformi mal-istess certifikat tat-twelid. Illi dwar il-prova necessarja u l-principji applikabbli u a skans ta' repetizzjoni din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (RCP 10 ta' Novembru 1999).

Illi japplikaw ukoll pero' n-normi stabbiliti minn din il-Qorti fl-interpretazzjoni li qieghda taghti lill-kuncetti ta' "boghod" u "impossibilita' fizika" imsemmija fl-**artikolu 77 tal-Kapitolu 16**, fis-sens illi dawn in-normi ghandhom jigu nterpretati fis-sens illi jistghu jaffettwaw il-koncepiment tat-tarbija - ara "**Ronald Bray vs Charmaine Bray**" deciza mill-Prim' Awla

tal-Qorti Civili fid-19 ta' Novembru 1997 u "**Spiteri vs Cilia**" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 1998.

Illi sentenzi ohra tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili li jirrispekkjaw dawna l-principji huma "**Antonella Bartolo vs Paul Fava**" deciza fit-30 ta' Jannar 1998, "**Miriam Salerno noe. vs Joseph Salerno et**" deciza fil-15 ta' Settembru 1998, u "**George Grech vs Nazzareno Grech et."** deciza fit-30 ta' April 1999.

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati fis-sentenzi "**Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); "**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et**" deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. RCP 10 ta' Novembru 1999); "**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. RCP deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); "**Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. RCP deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP).

Illi in effetti din il-kawza ta' *denegata paternita'* saret *ai bazi* tal-**artikolu 73 tal-Kap 16** u fit-terminu hemm preskritt, u *di piu`* a bazi tal-interpretazzjoni fuq moghtija ghall-artikoli ohra tal-istess Kap, din l-istess interprettazjoni ghandha tinghata ghall-**artikolu 70 (1) (a) u (d) tal-istess Kap 16.**

Illi tenut kont tal-fatt li din l-azzjoni saret mir-ragel tal-omm abbazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** jidher li dawn il-principji jinsabu kkonfermati mid-dispoZizzjonijiet 1 (a) (b) (c) (d) tal-istess artikolu u anke mid-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 73 tal-Kap 16** li jimponi terminu meta l-istess ragel, u ghalhekk l-attur f'din il-kawza jista' jaghmel din l-azzjoni.

Illi fil-fatt l-**artikolu 73 tal-Kap 16** jipprovdi li

***73.*** *Fil-kazijiet illi r-ragel jista' jaghmel kawza sabiex jichad li jaghraf tifel bhala ibnu, hu ghandu jaghmel l-azzjoni:*

*(a) fi zmien sitt xhur mit-twelid, jekk huwa f'dak iz-zmien kien jinsab f'Malta;*

*(b) fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jigi lura f'Malta, jekk fiz-zmien tat-twelid hu kien nieqes minn Malta;*

*(c) fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi.*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-**Artikolu 70** maghdud mal-**Artikolu 73** jindika bic-car li tali azzjoni hija proponibbli meta l-minuri 'n kwisjoni li dwaru tkun qed issir it-talba ma jkunx ottjena dak il-pussess tal-istat ta' iben legittimu, kif deskritt u stabbilit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-gurisprudenza fuq riferita` mehuda fl-ambitu u suggetta ghal dak li hemm indikat partikolarment fl-**artikolu 70 tal-Kap 16** japplika wkoll ghall-kaz *de quo.*

Illi stabbilit il-premess mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konjugi Joseph u Antoinette Gauci kienu ilhom separati *de facto* minn Novembru tan-1997 peress li l-konvenuta kienet abbandunat id-dar konjugali u marret tghix ma' ommha ghalkemm kien biss fit-3 ta' Marzu 2000 li l-istess konjugi Gauci sseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku datat 3 ta' Marzu 2000 fl-atti tan-Nutar R. Vella Laurenti.

Illi apparti dan jirrizulta li l-istess konjugi Gauci miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal u li l-attur kien isofri minn mard tal-kliewi anke qabel iz-zwieg u kien jiehu medicini li wiehed mis-*side effects* taghhom kien li jirrendih inkapaci li jkollu t-tfal; skond l-attur dan gie kkonfermat lilu permezz ta' testijiet medici ghall-habta tas-sena 1994 u skond il-konvenuta dan gie kkonfermat ukoll fl-istess sena minn Dr. Brincat meta l-istess konjugi rrikorrew ghandu.

Illi fil-fatt l-istess konvenuta fix-xhieda taghha tat-23 ta' Marzu 2001 sostniet:

*"Ghalhekk morna ghand Dr. Brincat fil-1994 u dan informana li mpossibli li jkollna tfal minhabba l-problemi ta' zewgi u l-medicini li kien jiehu. Mill-1994 sal-1997 bqajna nghixu flimkien pero` l-problema li kellna baqghet. Fil-1997 jiena ddecidejt li nissepara. Fil-11 ta Novembru 1997 jiena tlaqt mid-dar u mort mal-genituri tieghi. Fil-1998 jiena ltqajt mal-kjamat fil-kawza. Dan kien f'Awissu 31 tal-1998 u ftit wara bdejna nghixu flimkien gol-flat tieghi. Nghid li fit-12*

*ta' Awissu 1999 jiena kelli tarbija li semmejt Elias. Dan it-tifel huwa tieghi u tal-kjamat fil-kawza. Nghid li minn dak iz-zmien li tlaqt mid-dar l-unika relazzjonijiet sesswali li kelli ma' rgiel kienu mal-kjamat fil-kawza. Qatt ma kelli relazzjoni ohra mar-ragel wara li tlaqt mid-dar. Ilum jiena ghadni nghix mal-kjamat fil-kawza."*

Illi dan huwa kkonfermat mix-xhieda tal-kjamat in kawza Ahmed Naeli fix-xhieda tieghu li ta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Beppe Fenech Adami fid-9 t'April 2001 fejn minn tali xhieda rrizulta li minn Awissu 1998 huwa kellu relazzjoni mal-istess konvenuta, tant li minn Settembru tal-istess sena huma bdew jghixu flimkien hlief ghal perjodu bejn Dicembru 1998 u Marzu 1999 meta huwa kien mar il-Libya wara li kien diga jaf li l-istess konvenuta kienet harget tqila minnu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess konvenuta u l-kjamat in kawza bl-eccezzjoni ta' dak li hemm aktar 'il fuq baqghu jghixu flimkien kif fil-fatt jirrizulta li ghamlu anke fil-mori tal-kawza, u t-tarbija llum minuri Elias dejjem ghexet maghhom u dejjem giet ikkunsidrata bhala iben l-istess konvenuta u l-imsemmi kjamat in kawza. Infatti jirrizulta li l-istess kjamat in kawza anke kien mar ir-Registru Pubbliku sabiex jirregistra t-tifel fuq ismu izda minhabba l-provizjonijiet legali nkluz li fid-data tat-twelid tal-istess tarbija, fit-12 t'Awissu 1999, il-konjugi Gauci kienu ghadhom biss separati *de facto* dan ma setax isir.

Illi mill-provi prodotti ghalhekk jirrizulta li kemm il-konjugi Gauci anke meta kienu jghixu flimkien ma setax ikollhom tfal minhabba l-kundizzjoni tal-attur ezistenti anke qabel iz-zwieg, dovuta wkoll ghall-fatt li kellu mard fil-kliewi u li l-medicini amministrati lilu kellhom wiehed mill-effetti taghhom li huwa ma setax jikkoncepi, tant li ghalkemm ippruvaw li jkollhom tfal, u li wara li saru t-testijiet medici necessarji gew infurmati minn zewg tobba differenti li huma ma setax ikollhom tfal.

Illi rrizulta wkoll li apparti din l-impossibilita` medika da parti tal-attur li jkollu t-tfal, kif huwa stess ammetta, jirrizulta wkoll li l-istess konjugi Gauci kienu ilhom separati *de facto* minn Novembru 1997 u la darba t-twelid tal-istess tarbija sar fit-12 t'Awissu 1999 jidher li t-termini tal-**artikolu 70 (a)** interpretati bil-mod kif indikat fil-gurisprudenza fuq riferita japplikaw ghall-kaz *de quo*; dan apparti li l-kundizzjoni tal-attur jissodisfa r-rekwiziti ndikati fl-**artikolu 70 (c) tal-istess Kap 16**.

Illi dan kollu jinsab ikkorroborat u kkonfermat mix-xhieda tal-istess kjamat in kawza Ahmed Naeli, ta' Jane Agius li tigi oht il-konvenuta, u ta' Joseph Agius – missier l-istess konvenuta, kif jirrizulta mit-traskrizzjoni tax-xhieda taghhom a fol. 48, 49 u 50 rispettivament tal-process.

Illi fl-ahhar nett il-Qorti tirriferi wkoll ghac-certifikat mediku esebit ghala Dokument GB1 a fol 57 tal-process, mahrug

fil-25 ta' Lujlu 2001, fejn il-Professur Mark Brincat iccertifika illi:

*"I would like to confirm that Mr. Gauci visited us together with his then wife in 1994 for infertility investigations. At the time there was no known problem with Ms. A. Agius. Mr. J. Gauci on the other hand had severe renal problems. He had been on dialysis and had a renal transplant carried out which necessitated his taking several drugs such as cyclosponins. Several sperm counts at the time indicated that he was azoospermic and it is unlikely that this is reversible. In my opinion therefore it is highly unlikely that he was able to father a child even though his last recorded sperm count was taken in 1992.."*

Illi ghalhekk in vista tal-premess jirrizulta li l-minuri ndikata fic-citazzjoni attrici mhix it-tarbija tal-attur, u ghalhekk anke in vista tal-fatt li l-azzjoni attrici prezentata fil-21 ta' Dicembru 1999 saret fit-terminu ndikat fl-**artikolu 73 (a) tal-Kap 16**, it-talbiet attrici kif proposti ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu l-istess jikkontrastaw mat-talbiet attrici, u fuq ammissjoni tal-kjamat in kawza Ahmed Naeli, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara li l-imsemmija tarbija m'hijiex wild naturali ta' l-attur; u

2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija li jgib in-numru 2737/1999, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem Joseph Gauci, il-professjoni jew sengha ta' l-attur, l-eta`, post tat-twelid u residenza ta' l-attur kif ukoll isem u kunjom missier l-attur u jekk huwiex haj jew mejjet, b'dan li l-attur ma jibqax jigi ndikat bhala l-missier tal-istess minuri u kull referenza ghall-istess ghandha tigi kancellata, inkluz il-kancellament tal-kliem "*the said*" fil-partikolari tal-"omm" fil-kolonna "isem u kunjom" tac-certifikat tat-twelid tal-minuri fuq indikat u tordna wkoll li ssir kull modifika necessarja f'dan ir-rigward sabiex dak li gie deciz f'din il-kawza jigi rifless fl-istess certifikat tat-twelid u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda issir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha issir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta u l-kjamat in kawza *stante* li ma jirrizultax li l-konvenut l-iehor u l-attur ghandhom ibaghtu spejjez f'din il-kawza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**4 ta' Gunju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**4 ta' Gunju 2002**